TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 219/10

**Elaine Debono u Kenneth Vella**
**vs**
**Castello Dei Baroni**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' depożitu li għamlu għat-tieġ li ma sarx, fl-ammont ta' tmien mitt ewro (€800) kontra s-soċjeta' intimata.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u m'attendietx għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma marru jaraw Castello Dei Baroni u għoġbithom din is-sala, ibbukjawha u ħallsu depożitu ta' tmien mitt ewro (€800).

Wara li ħallsu l-affarijiet, ġew infurmati li fuq ma setgħux jużawh u li ċ-*changing room* issa saret barra u għalhekk trid tgħaddi minn ġol-bitħa, u r-rikorrenti bdew jibżgħu li kieku tkun ix-xita, huma kienu jixxarbu.

Ir-rikorrenti sostnew illi kienu biddlu l-kundizzjonijiet tal-kuntratt, tant illi jekk kienu jafu b'dawn il-kundizzjonijiet il-ġodda ma kinux jaslu għall-kuntratt.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu seba' mitt ewro (700) bħala depożitu u mitt ewro (€100) għad-danni tal-inviti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata m'attendietx għas-seduta minkejja li debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, kif ukoll jinnota li sal-ħin tas-seduta s-soċjeta' intimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**